# JOHN HENRY NEWMAN

sena XXXII nru. 134
ottubru – diċembru 2020

# John Henry Newman

WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Robert Aloisio
**Min hu John Henry Newman?** 5

André DeBattista
**John Henry Newman u l-Oxford Movement** 15

Fr Geoffrey G. Attard
**John Henry Newman u l-kitba bħala vokazzjoni** 31

Fr David Torpiano
**John Henry Newman u l-Letteratura** 39

Fr Justin Schembri OP
**The all-consuming fire: The Biblical Call to Holiness as Newman's First Principle** 47

Fr Jonathan Farrugia
**Il-pedament patristiku tal-Kattoliċiżmu ta' John H. Newman** 59

Mons. Prof. Hector Scerri
**Il-Knisja u l-Ekumeniżmu fil-Ħsieb ta' Newman** 69

Dr Michael Asciak
**John Henry Newman u Malta** 93

Dr Giovanni Bonello
**Malta in the Newman and Achilli Drama** 101

Omelija tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI
**Quddiesa tal-Beatifikazzjoni tal-Kardinal John Henry Newman** 123

Kontributuri 127

# Il-pedament patristiku tal-Kattoliċiżmu ta' John H. Newman

Fr Jonathan Farrugia

*"Ma nistħix ngħid li nżomm sod ma' dak li jgħidu l-Missirijiet tal-Knisja, u m'għandix ħsieb niċċaqlaq."[1]*

Jekk xi ħadd ifittex lista kronoloġika[2] ta' kotba u kitbiet li ħarġu mill-pinna tal-Kardinal Newman, jinnota li fil-quċċata hemm *The Arians of the Fourth Century*, studju kontroversjali u monumentali li ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1833 u li mbagħad Newman stess ħareġ verżjoni ġdida tiegħu fl-1871. Wara din is-sena Newman ħareġ ftit kotba oħra, li wieħed minnhom kien reviżjoni ta' ktieb aktar bikri dwar it-Trattati ta' San Atanasju, il-patrijarka ta' Lixandra, li ħadem bis-sħiħ biex juri aktar ċar l-iżball tad-dixxipli ta' Arju wara l-Konċilju ta' Niċea.[3] Mil-lista kronoloġika ta' xogħlu, għalhekk, faċli ninnutaw li l-Missirijiet tal-Knisja, speċjalment dawk tar-raba' seklu, u t-tagħlim tagħhom kienu preżenza kontinwa fil-ħajja ta' Newman, kemm bħala teologu Anglikan, u wisq aktar bħala teologu u saċerdot Kattoliku. Fil-fatt hu stess kien kiteb, f'ittra lill-ħabib tiegħu E.B. Pusey, li "il-Missirijiet għamluni Kattoliku, u m'iniex sejjer inwaqqa' s-sellum li għenni nasal sal-Knisja."[4] Il-Missirijiet tal-Knisja, għalhekk, għal Newman ma kinux biss suġġett interessanti u importanti, imma kienu letteralment evanġelizzaturi li wassluh, fil-mixja tiegħu bħala bniedem u bħala nisrani, biex jasal għall-milja tal-verità, jingħaqad mal-Knisja Kattolika u jibqa' fidil lejha anke f'mumenti ta' prova. Xi ftit jew wisq nistgħu ngħidu li l-Missirijiet għamlu ma' Newman, mijiet ta' snin wara mewthom, dak li tħabtu tant biex jagħmlu matul ħajjithom: wassluh għall-verità.

**L-ewwel kuntatt mal-Missirijiet**

Bħal kull storja ta' mħabba, ir-rabta ta' Newman mal-ħsieb tal-Missirijiet għandha bidu, bidu li jsemmih fl-awto-biografija parzjali tiegħu *Apologia Pro Vita Sua*: fil-ħarifa tal-1816, meta kellu 15-il sena, il-ġuvnott John Henry kien qiegħed jaqra ktieb dwar l-istorja tal-Knisja ta' Joseph Milner, u hemm sab siltiet mill-kitbiet ta' San Ambroġ u ta' Santu Wistin u mill-ewwel ħabbhom.[5] Snin wara, meta kellu madwar 27 sena, beda jaqra l-kitbiet tal-Missirijiet b'sekwenza kronoloġika, minn San Injazju ta' Antjokja 'l quddiem,[6] imma f'dan iż-żmien, bħalma stqarr hu stess aktar tard, ma kienx qiegħed jaqrahom b'moħħ miftuħ immirat lejn maturità spiritwali ogħla, imma aktar bħala kotba li minnhom ried isib ġustifikazzjoni dwar punti li kien ġa deċiż fuqhom.[7]

Il-fażi aktar matura ġiet fis-sena 1831, meta ġie mħajjar minn saċerdot Anglikan, Hugh James Rose, biex jikteb ktieb dwar l-istorja tal-Konċilji li kellu jkun wieħed minn sensiela ta' kotba li l-għan tagħha kien li tqajjem kuxjenza fil-Knisja Anglikana dwar it-tradizzjoni dottrinali u liturġika tagħha.[8] Dal-ktieb baqa' ma deher qatt fis-sensiela maħsuba, imma deher f'Novembru ta' sentejn wara fil-forma tal-monografija *The Arians of the Fourth Century*. Ftit xhur qabel ħareġ dan il-ktieb, iżda, ġraw żewġ episodji fil-ħajja ta' Newman u fil-ħajja tal-Knisja Anglikana li wassluh biex lill-Missirijiet jibda jarahom minn lenti għalkollox differenti, mhux biss bħala vuċi ta' awtorità fil-Knisja bikrija, imma wkoll bħala mudell awtorevoli għall-insara ta' żmienu.

**Viżjoni ġdida minħabba ċirkustanzi storiċi**

F'Marzu tal-1833 il-Parlament Britanniku ddeċieda li jagħlaq numru ta' djoċesijiet Anglikani fl-Irlanda; Newman u oħrajn bħalu raw f'dan il-pass manuvra li kienet se twassal lill-Knisja biex issir estensjoni tal-Gvern u titlef l-awtonomija tagħha u l-libertà li twassal il-messaġġ nisrani.[9] F'Lulju tal-istess sena, il-predikatur Anglikan Rev. John Keble għamel omelija dwar dik li hu sejjaħ 'apostasija nazzjonali' fejn tkellem bil-qawwa kontra l-imġiba tal-Gvern li kien qiegħed jaħdem apertament kontra l-interessi tal-Knisja.

Din l-omelija ċelebri kienet il-bidu tal-*Oxford Movement of High Church Anglicans*, li tiegħu Newman kien membru sa mill-bidu.[10] Il-għan

ta' dan il-moviment kien li juri l-għeruq antiki tal-Knisja Anglikana u jippreżentaha bħala l-*via media* bejn il-liberaliżmu Protestant ta' dak iż-żmien u r-riġidità Kattolika ċċentrata f'Ruma, jew fi kliem ieħor, skont ma Newman stess spjega xi snin wara fl-*Essay on the Development of Christian Doctrine*, it-triq tan-nofs bejn l-ereżija tal-Protestanti u l-verità mbagħbsa tar-Rumani.[11]

Din il-kriżi kienet, nistgħu ngħidu, ix-xrara li wasslet lil Newman biex jara użu prattiku għall-Missirijiet anke fi żmienu: l-istess kif il-Knisja tal-ewwel sekli setgħet timxi 'il quddiem, tiżviluppa u tiċċara aktar id-duttrina tagħha wara li għaddiet mid-diversi esperjenzi ta' kriżi,[12] daqstant ieħor Newman emmen li l-Knisja Anglikana setgħet timxi 'l quddiem u tagħraf aħjar ir-*raison d'être* tagħha minn din il-kriżi li nqalgħet bejnha u l-Gvern Britanniku. Il-ħsieb tiegħu u tal-membri l-oħra tal-moviment kien li juru kif fil-Knisja Anglikana kien hemm il-mudell tal-Kristjaneżmu universali, dak li jgħaqqadha fil-ħsieb mal-insara Ortodossi, Kattoliċi u Protestanti li żammew mad-duttrina mfassla fl-ewwel erba' konċilji ekumeniċi.[13] Iżda l-Missirijiet tal-Knisja kellhom iwassluh għal verità ferm ogħla minn din.

Fil-kuntest ta' dan it-taqlib, f'Novembru tal-1833, ħareġ il-ktieb tiegħu dwar l-Arjani tas-Seklu 4. Fih Newman jibda billi janalizza l-movimenti reliġjużi li kienu qed jimmarkaw b'mod jew b'ieħor il-Kristjaneżmu tat-tieni u t-tielet seklu. Fl-ewwel parti jiddiskuti wkoll tema li fl-istudji patristiċi ta' seklu wara kellha tieħu xejra ħafna aktar importanti: id-differenzi fil-ħsieb tal-kittieba minn Lixandra u minn Antijokja, fejn juri li l-linja tal-ħsieb korretta, speċjalment fl-interpretazzjoni tal-persuna ta' Kristu, kienet dik li żviluppat f'Lixandra, u prova ta' dan huwa s-Simbolu tal-fidi li ġie promulgat fi tmiem il-Konċilju ta' Niċea li sar apposta biex jiġġieled l-ereżija Arjana.[14]

Punt essenzjali li joħroġ Newman f'dan il-ktieb huwa l-fatt li dwar il-misteru tat-Trinità – li fl-aħħar mill-aħħar dwaru nqalgħet l-ereżija Arjana – ftit li xejn insibu kitbiet sar-raba' seklu. Dan wasslu biex jifhem li l-fidi f'Alla wieħed li huwa Trinità, u li t-tieni persuna ġiet fid-dinja bħala bniedem waqt li żammet intatta n-natura divina, ma kinetx il-prodott ta' xi ħsieb teoloġiku jew inkella invenzjoni tal-kittieba li għexu fir-raba' seklu: din il-fidi kienet il-fidi li ħaddnu l-insara sa mill-bidu,[15]

u li kienet tiġi mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra fit-tagħlim orali li kien isir, sakemm, minħabba l-kontroversja li nqalgħet fis-Seklu 4, kien jeħtieġ li jibdew jinkitbu aktar trattati dwarha. Mhux darba u tnejn fil-kitbiet tiegħu, anke aktar 'il quddiem fis-snin, innota li l-fidi tal-poplu spiss kienet aktar qawwija u korretta milli kienet dik tal-isqfijiet![16]

Wara l-ktieb dwar l-Arjani ma naqsux ħafna artikli u studji u kummentarji dwar il-Missirijiet tal-Knisja, fejn kull studju u riflessjoni li għamel mexxewh pass ieħor 'il quddiem fil-vjaġġ spiritwali tiegħu.

**Lejn il-Kattoliċeżmu: iċ-Ċentralità tal-Knisja Rumana**

Fl-1845, tul l-aħħar fażi tiegħu bħala Anglikan, meta kien diġà kważi wasal fi tmiemu l-proċess biex jingħaqad mal-Knisja Kattolika, Newman kiteb l-*Essay on the Development of Christian Doctrine*, li fiha juri, mhux mingħajr referenzi indiretti għall-mixja li kien għamel hu stess, li l-fidi, ladarba hija ħajja, bilfors li tiżviluppa.[17] F'din il-kitba, permezz ta' ħafna eżempji mill-mixja dottrinali tal-Knisja fl-ewwel sekli, Newman spjega kif it-tagħlim dwar il-verità ma jistax ikun mifhum minn kulħadd mill-ewwel, imma li dan isir dejjem aktar ċar bil-għajnuna ta' għalliema mmexxija mill-għerf divin. Huwa hekk li jispjega għala l-formuli tal-fidi, speċjalment dawk li jittrattaw it-Trinità, isiru aktar ċari minn Konċilju għal ieħor: mhux għax il-fidi kienet qed tinbidel, imma għax il-poplu kien qiegħed dejjem jasal li jifhem xi dettall ġdid.[18] Dan il-pass xejjen l-idea li kellu fil-bidu, jiġifieri li jsib fil-Knisja Anglikana l-fidi intatta tal-Missirijiet, għax jekk komunità tagħraf biċċa biċċa l-kontenut tad-duttrina, bilfors li fl-ewwel sekli l-għarfien kien għadu wieħed parzjali, u għaldaqstant ma jistax ikun adattat għall-esiġenzi ta' żminijiet oħra fejn l-għarfien kien żdied. Biex il-Knisja Anglikana tkun verament l-istess bħal dik tal-Missirijiet kien ikollha twarrab ħafna tagħlim li ħaddnet tul is-sekli! Mela allura, il-Knisja tal-Missirijiet kellha tkun preżenti fil-komunità tal-insara li qatt ma nqatgħet mil-linja ta' dak li nbena fuq it-tagħlim tal-Missirijiet.

Sa dan iż-żmien, għalhekk, kien għaraf li t-triq tan-nofs, li tant fittex u li tant kien prova juri li kienet tinsab fil-Knisja Anglikana, fil-fatt ma kienetx teżisti. L-Oxford Movement xtaq jivvalorizza lill-Missirijiet mingħajr ma jbaxxi rasu għall-awtorità tal-Papa; il-mixja spiritwali ta'

Newman wasslitu biex jagħraf li ladarba l-Missirijiet dejjem żammew il-lealtà lejn dak li qal is-suċċessur ta' Pietru f'Ruma, mela dawn qatt ma setgħu jitpoġġew fuq il-front oppost.[19] Jista' jkun li l-bidu ta' din il-konvinzjoni kienet silta minn Santu Wistin fejn jgħid li l-Knisja għandha l-awtorità tiġġudika x'inhu fil-linja tal-fidi u x'mhux, u għaldaqstant min jitbiegħed mill-ġudizzju tal-Knisja qiegħed fl-iżball, mhux bil-maqlub.[20] Din il-konklużjoni kien ġa qorob ħafna lejha fis-sena 1839 meta studja fil-fond il-kwistjonijiet li nqalgħu fil-ħames seklu: kien il-Papa Ljun li spjega b'mod ġdid it-twemmin li l-insara kellhom minn dejjem – imma li kien għadu mhux ċar – dwar iż-żewġ naturi ta' Kristu. Il-knejjes li komplew fil-fidi kienu dawk li qablu mal-Kristoloġija preżentata fit-*Tomus ad Flavianum* ta' Ljun, waqt li dawk li ma laqgħux dan it-tagħlim inqatgħu mill-Knisja u waqgħu fl-ereżija. Kienet il-kelma tal-Papa li rabtet u ħallet.[21]

Ladarba ma jagħmilx sens titpoġġa fuq fronti opposti l-Knisja tal-qedem, leali lejn Ruma, u l-istess Knisja leali lejn Ruma tal-lum, il-konklużjoni loġika kienet li l-Knisja ta' Ruma, il-Kattolika, hija l-istess Knisja li ħabbew il-Missirijiet, u li l-komunjonijiet ekkleżjastiċi l-oħra mifrudin minn Ruma mhumiex. "Minn fost is-sistemi Kristjani kollha li jeżistu," jgħid fl-introduzzjoni għall-*Essay*, "il-komunjoni ta' Ruma hija fil-fatt l-eqreb lejn il-Knisja tal-Missirijiet... li kieku San Atanasju jew San Ambroġ kellhom jerġgħu jiġu fid-dinja, ma hemmx dubju liema komunjoni jagħżlu."[22]

L-istudju li għamel dwar il-Missirijiet u kif dawn wieġbu għall-bżonnijiet ta' żmienhom, wassluh sal-Kattoliċeżmu.

## Il-perjodu Kattoliku: Viżjoni ġdida ta' Knisja

Newman intlaqa' fil-Knisja Kattolika fid-9 ta' Ottubru 1845 u dan il-pass ġab miegħu ħafna tbatija: numru ta' ħbieb u familjari qatgħu l-kuntatt minn miegħu, u kien hemm ħafna prelati Kattoliċi li baqgħu jħarsu lejh minn lenti suspettuża, speċjalment minn meta sar saċerdot sena wara. Wieħed mill-aktar mumenti ibsin – imma fl-istess ħin li minnhom ħareġ ħafna ġid għall-Knisja – kien dwar il-kwistjoni li nqalgħet fl-1859 dwar artiklu li kiteb fir-rivista *The Ramber* fejn tkellem dwar l-importanza tar-rwol tal-lajċi fid-deċiżjonijiet tal-Knisja.

Biex nifhmu aħjar x'ġara tajjeb niftakru li fl-1854 il-Papa Piju IX ddefinixxa d-Domma tat-Tnissil Immakulat ta' Marija. Biex wasal għal din id-definizzjoni l-Papa talab lill-Isqfijiet jikkonsultaw lis-saċerdoti dwar x'jemmnu l-lajċi dwar din il-ħaġa. F'artiklu li deher fl-ewwel ħarġa ta' *The Rambler* tal-1859 Newman ġab dan l-eżerċizzju bħala eżempju ta' kemm huwa importanti li l-leħen tal-lajċi jinstema' fejn jidħlu deċiżjonijiet serji, speċjalment jekk ikunu jikkonċernaw lilhom, u mar pass aktar 'il quddiem: l-isqfijiet m'għandhomx jikkuntentaw jitwasslilhom x'jaħsbu l-fidili; il-fidili għandhom jiddaħħlu fid-diskussjonijiet. Dan ir-raġunament ma għoġobx lill-isqof tiegħu, li sejjaħlu biex jgħidlu li l-lajċi ma għandhom l-ebda dritt jitkellmu jew li jiġu konsultati.

Bħala risposta, Newman kiteb l-artiklu "On Consulting the Faithful" li deher fil-ħarġa ta' Lulju tal-istess rivista fejn tkellem bl-aktar mod qawwi favur is-*sensus* u l-*consensus fidelium* u jinsisti li l-Knisja għandha tagħti kashom u tikkonsultahom qabel tieħu xi deċiżjoni.[23] Ir-raġuni li jġib hija waħda sempliċi: fis-seklu 4, meta l-Knisja fformulat is-Simbolu tal-Fidi fi tmiem il-Konċilju ta' Niċea, ħafna mill-isqfijiet ma' aċċettawhx, imma l-maġġoranza tal-poplu nisrani iva. Kien minħabba f'hekk li l-fidi ta' Niċea baqgħet ħajja. Għaldaqstant Newman ikkonkluda li l-vuċi tal-poplu kienet il-vuċi tat-tradizzjoni; il-poplu żamm ma' dak li kien ġie mgħallem u n-novitajiet li poġġew dan il-wirt fil-periklu ma aċċettawhx. Bl-istess mod, jikkonkludi, anke fiż-żminijiet kontemporanji, il-vuċi tal-poplu nisrani għandha tiġi valorizzata għax jista' jagħti l-kas li l-verità tkun għand il-poplu, mhux għand l-isqfijiet.[24]

Dan l-artiklu, bħalma nistgħu nifhmu, daħħlu f'ħafna inkwiet, sa anke ntbagħat Ruma fejn tpoġġa għall-ġudizzju tal-awtoritajiet tal-Propaganda Fide. Mons. George Talbot, li kien *camerlengo* tal-Papa Piju IX, iddeskriva lil Newman bħala l-aktar raġel perikoluż fl-Ingilterra peress li kien qed juża lil-lajċi kontra l-isqof.[25] Is-sħaba tad-dubju damet madwar ħames snin fuq is-saċerdot, speċjalment minħabba l-fatt li t-talba li saret minn Ruma biex isiru xi kjarifiki baqgħet qatt ma waslet għand Newman. Fis-sena 1864 meta ppubblika l-*Apologia Pro Vita Sua*, beda jidher ċar li l-akkużi li sarulu kienu infondati. Is-sitwazzjoni ssolviet fl-1867 meta l-Papa Piju IX rċieva rapport pożittiv mill-Arċisqof Cullen, u kulħadd fehem li l-akkużi kontrih kienu foloz.[26]

Fiż-żmien ta' biża u ta' inċertezza, Newman kien bagħat ittra lill-ħabib tiegħu Henry Wilberforce fejn qallu: "Jekk tipprova tagħmel xi ħaġa – li minnha nfisha hija tajba – fi żmien ħażin, abbli tispiċċa eretiku jew xiżmatiku. Dak li nixtieq nara jseħħ jista' jkun veru u tajjeb, imma forsi hija r-rieda ta' Alla li jseħħ mitt sena oħra."[27] L-istorja kellha tagħti raġun lil Newman, għax fil-fatt mitt sena wara, ir-rwol importanti tal-fidili kollha, inklużi l-lajċi, kien wieħed mill-punti ewlenin tal-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja.[28] Wara kollox, dak li xtaq jara jseħħ ma kinetx xi ħaġa għalkollox ġdida; Newman stess kien qal lill-isqof tiegħu li fir-raba' seklu kienet il-fidi tal-lajċi li ddeterminat il-ħajja tal-fidi Niċena.

## Konklużjoni

Minkejja dan ix-xogħol kollu, forsi l-isbaħ wirt li ħallielna Newman mill-imħabba tiegħu lejn il-Missirijiet ma jikkonsistix fil-ħafna kotba u studji li għadna nistgħu naqraw; l-aktar ħaġa ta' utilità għalina llum hija l-fatt li hu fil-Missirijiet dan il-qaddis ta' żmienna ra mudelli għall-ħajja. F'San Ġwann Kriżostmu sab il-mudell tar-ragħaj, f'San Atanasju u f'San Girgor ta' Nazjanzanu sab il-mudelli tal-għalliema. Altru milli lill-Missirijiet użahom biss bħala għodda fil-kontroversji ta' żmienu! Fihom sab l-eżempji ħajjin ta' kif ikun saċerdot, isqof u teologu tajjeb, immexxi dejjem mill-għerf li ġej mill-għoli u li jwassal lill-bniedem għal għarfien dejjem attwali u dejjem ġdid ta' xi jfisser li tkun nisrani. Fl-aħħar nett nistgħu ngħidu li Newman tgħallem u emmen li l-esperjenza ta' kriżi fil-Knisja dejjem wasslet biex joħorġu nies kbar li jħallu marka fil-mixja ekkleżjali, u dan kien dak li kien qed jittama li jseħħ fil-Knisja fi żmienu.[29] Meta nħarsu lura naraw li dan kien dak li fil-fatt seħħ permezz tal-persuna ta' John Henry Newman.

## Noti

1. *Letter to Dr Pusey*, 2.5 (1865) [http://www.newmanreader.org/works/anglicans/volume2/pusey/section2.html]
2. Listi simili jistgħu jinstabu faċilment online f'siti bħal *The International Centre for Newman Friends* (http://www.newmanfriendsinternational.org/en/j-h-newman/chronology-newman-life/), fil-paġna The National Institute for *Newman Studies* [http://www.newmanreader.org/works/], kif ukoll fil-

paġna dwar John Henry Newman fis-sit Wikipedia (https://en.wikipedia.org/wiki/John_Henry_Newman#cite_ref-112).

3. *Select Treatises of St Athanasius*, li ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1842, u mbagħad mill-ġdid, rivedut, fl-1881.
4. *Letter to Dr Pusey*, 2.5 (1865), [http://www.newmanreader.org/works/anglicans/volume2/pusey/section2.html]
5. *Apologia Pro Vita Sua* (London: Fontana Books, 1959), 100.
6. Joseph Carola, "Pre-conciliar Patristic Retrieval," *Augustinian Studies* 38/2 (2007): 382-383.
7. "Whatever then be the true way of interpreting the Fathers, and in particular the Apostolical Fathers, if a man begins by summoning them before him, instead of betaking himself to them, – by seeking to make them evidence for modern dogmas, instead of throwing his mind upon their text, and drawing from them their own doctrines, – he will to a certainty miss their sense" *Essays Critical and Historical*, Vol. 1, Essay VI: "The Theology of St. Ignatius" [http://www.newmanreader.org/works/essays/volume1/ignatius.html]
8. Ian Ker, *John Henry Newman: A Biography* (Oxford: Clarendon Press, 1988), 42.
9. Carola, 383. Dettall kurjuż li jolqot lilna l-Maltin huwa li meta Newman sar jaf b'din il-manuvra kien qiegħed jagħmel vjaġġ twil fil-Mediterran, li matulu kien waqaf għal xahar f'Malta (ara Joseph Carola, "Making Patristics Pertinent: Theological Echoes and Anticipations from John Henry Newman's 1833 Mediterranean Tour" *Melita Theologica* 69/2 (2019): 127-151).
10. Fl-*Apologia* Newman jistqarr li hu baqa' jiftakar dak il-jum bħala l-bidu tal-moviment reliġjuż tal-1833 (*Apologia*, 122).
11. Carola, 383.
12. Tajjeb niċċaraw li Newman jinsisti li l-kontenut tal-fidi ma jinbidilx; dak li jinbidel huwa l-mod kif jiġi preżentat. "They saw the need for a change in the Church's presentation of her belief: a change not because the best thing but because the required thing." (Michael Novak, "Newman on Nicaea," *Theological Studies* 21/3 (1960): 449.)
13. Brian E. Daley, "The Church Fathers," in *The Cambridge Companion to John Henry Newman*, ed. Ian Ker-Terrence Merrigan (Cambridge: Cambridge University Press, 2009), 29.
14. Daley, 30-31.
15. Carola, 386.

16. Novak, ibid.
17. Thomas J. Norris, *Cardinal Newman for Today* (Dublin: The Columba Press, 2010), 58.
18. *Essay on the Development of Christian Doctrine* (London: Basil Montagu Pickerig, 1878), 29-30.
19. Carola, 387.
20. "Quapropter securus judicat orbis terrarum, bonos non esse qui se dividunt ab orbe terrarum, in quacumque parte orbis terrarum" Wistin ta' Ippona, *Contra Epuistulam Parmeniani* III,24; Carola, 388.
21. Norris, 60.
22. *Essay*, 27-28.
23. Benjamin J. King, "John Henry Newman and the Church Fathers: Writing Church History in the First Person" *Irish Theological Quarterly* 78/2 (2013), 157.
24. "On Consuting the Faithful" 3.1 [http://www.newmanreader.org/works/rambler/consulting.html].
25. King, 158.
26. Hermann Geissler, "The Witness of the Faithful in Matters of Doctrine according to John Henry Newman," (International Centre of Newman Friends, 2012), 4 [http://www.newmanfriendsinternational.org/en/wp-content/uploads/2012/06/on-consulting-english1.pdf].
27. *Letters and Diaries*, Vol. XIX (Oxford: Oxford University Press, 1969), 179-180.
28. Lumen Gentium, 12.
29. "Meanwhile [the Arian crises] had given the Church a rich and unforgettable experience – an experience which Newman dreamed of making actual again. It had helped form two or three generations of men of magnificent human outlook, not for the sake of earthly culture but for the sake of the Lord. They would be faithful to Him, and intelligently so, through exile, persecution, betrayals, death." (Novak, 453.)